MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2643/2002

**Christopher u Pauline konjugi Mifsud,
kif surrogati fid-drittijiet tas-
socjeta' Saint Paul's Court
Limited
Vs
Clive Joseph u Anita Lee Anne
konjugi Tonna**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' Lm 648.79c (sitt mija u tmienja u erbghin lira Maltin u disgha u sebghin centezmi) rappesentanti arrettrati ta' porterage fees dwar il-fond mibjugh lill-atturi liema somma kienet dovuta mill-konvenuti lis-socjeta Saint Paul's Court Limited.

Fit- 31 ta' Ottubru 2002 l-atturi hallsu din is-somma mill-fondi personali taghhom lis-socjeta Saint Paul's Court Limited li surrogat lill-atturi fid-drittijiet kollha taghha kontra l-konvenuti f' din il-kawza.

L-konvenuti gew interpellati biex ihallsu din is-somma lill-atturi izda sal-lum baqghu nadempjenti.

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez.

Ra n-nota ta' ammissjoni pprezentata llum seduta stante.

Jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna l-konvenuti jhallsu s-somma Lm648.79c (sitt mija u tmienja u erbghin lira Maltin u disgha u sebghin centezmi) bl-ispejjes u bl-interessi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------